REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1048/2013

tat-28 ta' Ottubru 2013

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 828/2009 li jistipula r-regoli ddettaljati ta' applikazzjoni għas-snin tas-suq [ta' kummerċjalizzazzjoni] 2009/2010 sal-2014/2015 għall-importazzjoni u r-raffinar tal-prodotti taz-zokkor li jinsabu taħt l-intestatura tariffarja 1701 taħt ftehimiet preferenzjali

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 tat-22 ta' Lulju 2008 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 552/97 u (KE) Nru 1933/2006, u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1100/2006 u (KE) Nru 964/2007, ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 11(7) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 1(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 828/2009 ([2]), pajjiż elenkat bħala pajjiż l-inqas żviluppat fl-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 732/2008 huwa eliġibbli biex jinżied mal-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 828/2009.

(2) Il-Mjanmar/Burma reġa' ddaħħal fl-iskema tal-preferenzi tariffarji ġeneralizzati fid-19 ta' Lulju 2013, b'effett retroattiv mit-13 ta' Ġunju 2012, skont ir-Regolament (UE) Nru 607/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 552/97 li jirtira temporanjament l-aċċess għal preferenzi tariffarji ġeneralizzati mill-Mjanmar/Burma ([3]).

(3) Mjanmar/Burma huwa pajjiż l-inqas żviluppat elenkat bħala pajjiż l-inqas żviluppat fl-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 732/2008 u talab lill-Kummissjoni biex jiġi elenkat fl-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 828/2009. Il-Mjanmar/Burma jipproduċi z-zokkor u għalhekk huwa esportatur potenzjali lejn l-Unjoni.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 828/2009 għalhekk għandu jiġi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Punt I tal-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 828/2009 qed jinbidel bit-test fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ottubru 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 211, 6.8.2008, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 828/2009 tal-10 ta' Settembru 2009 li jistpula r-regoli ddettaljati ta' applikazzjoni għas-snin tas-suq 2009/2010 sal-2014/2015 għall-importazzjoni u r-raffinar tal-prodotti taz-zokkor li jinsabu taħt l-intestatura tariffarja 1701 taħt ftehimiet preferenzjali (ĠU L 240, 11.9.2009, p. 14.)

([3]) ĠU L 181, 29.6.2013, p. 13.

ANNESS

"**Taqsima I: Il-Pajjiżi l-Inqas Żviluppati**

Titlu tal-grupp	Pajjiż terz	Numru ta' Referenza
NON-AKP-LDC	il-Bangladexx il-Kambodja il-Laos il-Mjanmar/Burma in-Nepal	09.4221
AKP-LDC	il-Benin Burkina Faso ir-Repubblika Demokratika tal-il-il-Kongo l-Etjopja il-Madagaskar il-Malawi il-Możambik is-Senegal Sjerra Leone is-Sudan it-Tanzanija Togo l-Uganda iż-Żambja	09.4231"